



Brussell, 28 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6464/22

LIMITE

ENV 148
CLIMA 75
FORETS 10
AGRI 64
RELEX 215

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0366(COD)**

NOTA

minn:	Il-Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jfassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Sabiex tiggwida d-dibattitu dwar il-proposta leġiżlattiva msemmija hawn fuq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) tas-17 ta' Marzu 2020, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni b'żewġ mistoqsijiet, li jinsab fl-Anness għal din in-nota.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jibgħathom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni msemmi hawn fuq.

Proposta għal Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-esportazzjoni mill-UE ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti

- Nota mill-Presidenza -

Il-protezzjoni tal-foresti hija kwistjoni kruċjali għas-soċjetajiet tagħna u għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-foresti jaqdu rwol ċentrali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità. Jikkontribwixxu wkoll għall-provvista ta' materjali, jirregolaw ċerti proċessi naturali, u huma l-mezz tal-għajxien ta' għadd kbir ħafna tal-aktar komunitajiet foqra fid-dinja.

Il-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni favur għan ambizzjuż u komuni

Il-foresti issa qed isiru dejjem aktar importanti fid-diskussjonijiet tal-korpi Ewropej u internazzjonali. Fil-COP26 tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) f'Novembru 2021, ir-rwol tal-foresti u tas-settur tal-art fl-aċċellerazzjoni tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ġie rikonoxxut b'mod mifrux. F'dik l-okkażjoni, 141 mexxej ta' stati li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tal-foresti tad-dinja kkommettew ruħhom li jaħdmu b'mod kollettiv biex iwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030 permezz tad-"**Dikjarazzjoni tal-Mexxejja dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art**", fejn irrikonoxxew il-ħtieġa li jingħaqdu flimkien għal tranżizzjoni sostenibbli tal-użu tal-art, li huwa objettiv essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Ftit jiem wara, fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha għal Regolament dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-esportazzjoni mill-UE ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Dan it-test, imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2019 "***It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja***", huwa parti minn strateġija komprensiva tal-Unjoni Ewropea, kondiviża mill-Istati Membri, li ġiet ikkonfermata fil-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, kif ukoll fl-**Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030** u fl-**Istrateġija Ewropea mill-Għalqa sal-Platt**. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jirrispondi għal talba soċjetali b'saħħitha (kif muri mil-livell għoli ħafna ta' parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni online mibdija mill-Kummissjoni), marbuta b'mod partikolari mat-tħassib dwar l-iżvilupp tal-foresti fil-livell dinji (bejn l-1990 u l-2020 id-dinja tilfet 420 miljun ettaru ta' foresti, żona akbar minn dik tal-Unjoni Ewropea).

L-Unjoni Ewropea għandha responsabbiltà partikolari f'dawn il-fenomeni dinjija. Hija tikkonsma kwantitajiet sinifikanti ta' prodotti mhux maħduma u maħduma parzjalment, ġejjin minn sorsi nazzjonali u internazzjonali. L-operazzjonijiet kummerċjali u l-attivitajiet tal-katina tal-provvista li jirriżultaw għandhom għaldaqstant ħafna impatti negattivi fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Studju tal-Kummissjoni tal-2013 diġà wera li l-pajjiżi Ewropej kienu responsabbli għal aktar minn terz tad-deforestazzjoni marbuta mal-kummerċ internazzjonali fil-prodotti agrikoli¹.

Proposta ffukata fuq sistema essenzjali ta' diliġenza dovuta

Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tiżgura li l-kafè, il-kawkaw, iż-żejt tal-palm, is-sojja, iċ-ċanga u l-injam, kif ukoll prodotti derivati bħall-ġilda, iċ-ċikkulata u l-għamara, li jiġu importati u kkummerċjalizzati fl-UE jew esportati mill-UE, ma jkunux ikkawżaw deforestazzjoni jew degradazzjoni tal-foresti matul il-produzzjoni tagħhom. L-għan ta' dan it-test huwa li jqis l-impatt tal-produzzjoni agrikola kemm fuq id-deforestazzjoni kif ukoll fuq id-degradazzjoni tal-foresti.

¹ Kummissjoni Ewropea, 2013. The impact of EU consumption on deforestation: Comprehensive analysis of the impact of EU consumption on deforestation. Studju ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, DG ENV, imwettaq minn VITO, IIASA, HIVA u IUCN NL
<https://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/1.%20Report%20analysis%20of%20impact.pdf>

Biex jintlaħaq dan l-objettiv, ir-Regolament jiddependi fuq **sistema ta' diliġenza dovuta** biex **jġu żgurati t-trasparenza u t-traċċabbiltà tal-ktajjen tal-valur**, indirizzata lill-operaturi u n-negozjanti kollha f'qafas komuni u armonizzat. Din is-sistema ta' diliġenza dovuta hija bbażata fuq approċċ li jħares 'il quddiem li jirriżulta mill-valutazzjoni tar-riskju. L-operaturi, li jimportaw għall-ewwel darba jew li jesportaw il-prodotti elenkati fl-Anness I għar-Regolament lejn l-UE, u l-kummerċjanti li mhumiex SMEs, huma għalhekk meħtieġa jwettqu proċedura ta' diliġenza dovuta f'forma ta' dikjarazzjoni mandatorja qabel ma jqiegħdu l-prodotti fis-suq.

Dan jimplika rekwiżit għat-traċċabbiltà permezz tal-ġbir ta' informazzjoni li tippermetti li jinstab is-sors tal-produzzjoni tal-prodott, ir-rotta tiegħu tul il-katina tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni, b'analiżi tar-riskju u, fejn xieraq, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni għar-riskju identifikat. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għalhekk jagħmluha possibbli li jiġi żgurat li l-prodotti jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni, kemm jekk **illegali kif ukoll jekk legali**. L-effikaċja tad-dispożizzjonijiet għandha tkun iggarantita minn sistema ta' kontrolli u penali stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti.

Qafas ċar u komuni għal infurzar effettiv

L-implimentazzjoni effettiva u armonizzata tat-test teħtieġ **fehim komuni tad-dispożizzjonijiet tiegħu**. Għal dan il-għan, id-definizzjonijiet komuni dwar il-kunċetti ewlenin ser jippermettu li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jiġu applikati fil-prattika.

Bħalissa ma hemm l-ebda kunsens internazzjonali dwar il-kunċett tad-degradazzjoni tal-foresti. Għadd ta' definizzjonijiet jeżistu flimkien u jintużaw fil-livell nazzjonali. Dan kien is-suġġett ta' bosta kummenti mid-delegazzjonijiet fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma ad hoc² dwar ir-riskju tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti assoċjati mal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE u esportati mill-UE, kif ukoll id-definizzjoni relatata tal-operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli.

Xi delegazzjonijiet indikaw ukoll li d-definizzjoni ta' deforestazzjoni hija possibbilment ristretta wisq peress li hija limitata għall-konverżjoni tal-foresti għal użi agrikoli, filwaqt li l-konverżjoni minn foresti għal użi mhux agrikoli tista' tiġi inkluża wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni.

Il-Kunsill informali tal-Ministri għall-Ambjent f'Amiens tal-20 ta' Jannar u l-Kunsill tal-Ministri għall-Agricoltura u s-Sajd tal-21 ta' Frar enfasizzaw l-appoġġ tal-Istati Membri kollha għall-objettivi tat-test. Dawn il-laqgħat taw ukoll lill-Istati Membri l-opportunità li jaqsmu l-viġilanza tagħhom fir-rigward tal-operattività tat-test, il-piż amministrattiv fuq l-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti u l-firxa tal-kontrolli involuti, il-kwistjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodotti bażiċi u l-ekosistemi li għandhom jitqiesu u d-definizzjonijiet tal-kunċetti (inkluż id-degradazzjoni tal-foresti). Fl-aħħar nett, il-ministri kkummentaw ukoll dwar l-esperjenzi nazzjonali tagħhom fil-politika ambjentali u l-applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam.

² Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar ir-riskju ta' deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE

It-test kien is-suġġett ta' diskussjonijiet tekniċi fi grupp ta' ħidma ad hoc li laqqa' flimkien esperti mid-diversi setturi kkonċernati. Id-diskussjonijiet organizzati mill-Presidenza ppermettew li jsir eżami inizjali tat-test u li l-Istati Membri jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-Artikoli kollha. Dawn l-iskambji tekniċi wasslu għal għadd ta' eżiti importanti: id-definizzjonijiet, il-kompatibbiltà mar-regoli tad-WTO, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, il-proporzjonalità tad-definizzjonijiet proposti, u l-piż amministrattiv assoċjat mal-implimentazzjoni tal-abbozz ta' Regolament.

Sabiex javvanzaw in-negozjati, il-ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *L-implimentazzjoni effiċjenti u infurzabbli tas-sistema ta' diliġenza dovuta hija essenzjali biex tinkiseb it-traċċabbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat li l-prodotti ma wasslux għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. X'inhuma l-proposti tagħkom biex tiġi żgurata sistema ta' diliġenza dovuta effiċjenti u effettiva?*
2. *L-implimentazzjoni operattiva tar-Regolament bla dubju ser tkun tiddependi mill-applikazzjoni komuni tad-definizzjonijiet ewlenin tar-Regolament. Filwaqt li jeżistu definizzjonijiet għal xi kunċetti, l-użu tagħhom fil-livell Ewropew u internazzjonali mhuwiex armonizzat. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament, x'inhuma s-suġġerimenti tagħkom għal definizzjonijiet komuni ta' termini bħad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u d-definizzjoni relatata tal-operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli, abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli?*

Ħin għad-diskorsi: 3 minuti għal kull Stat Membru